# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma targa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb.* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174)

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, is-26 TA SETTEMBRU, 1912. Nru. 33.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Ir-Ricatt.

X'jigifieri, scond il Ligi, *Ricatt?*

Jigifieri li ŭieħed jaħtaf chemxa flus lil xi ħadd, billi ibeżżgħu jeŭ iheddu b'xi deni. U din hi, kuddiem il Ħakk u kuddiem in-nies tad-dinja collha, ŭaħda mill'actar ħtijet coroħ, li ghaliha mhux biss hemm il ħabs, iżda min jaka fiha jitlef gieħu ghal dejjem, daks il ħalliel li imur jisrak bil-lejl jeŭ iżjed, ghax ghall'inkas il ħalliel icun kieghed jissogra ħajjtu u bħalma jista joktol jistgħu joktluħ, mentri il ħati tar-*Ricatt* ma icunx jissogra ħlief li jinkabad u jecc icun moħħu jilħaklu seŭŭa, l'actar jecc icun imsieħeb ma ħatjin oħra, ma jinkabad katt, ghax jersak fuk il post tar-*Ricatt* inducrat fil krib u fil bghid minn sħabu. U dan hu li jagħmel il ħtija tar-*Ricatt* actar ta min jistmerrha minn tal ħalliel cumuni!

Ir-*Ricatt* isir actarx b'ittra minghajr l'isem ta min baghtha jeŭ b'isem karriek, nghidu aħna bl'isem ta xi ħadd li ghandu xniegha ħażina u in-nies jibżgħu minnu: imma dan tal aħħar jista jiġri f 'artijet cbar u haŭn Malta minn daŭn l'ittri katt ma 'nbaghtu ħlief minghajr isem (chif ighidulhom bit-Taljan, *ittri anonimi*). L'ittra, kasira kasira, tinbghat lil xi bniedem miżmum b'ragel li jista u theddu li, jecc, sa 't-tali ħin, ma imurx ikieghed tant flus fit-tali banda, jisparaŭ ghaliħ f 'kasir żmien, jeŭ jaħarkulu l'uċuħ tar-raba tieghu (jecc icun bidŭi), jeŭ itajjrulu daru b'bomba (jecc icun ghâni), jeŭ jaghmlulu xi ħsara oħra f 'gismu, f 'niesu, fi ħŭejjġu, jeŭ jicxfuħ f'xi ghaŭar li icollu, jeŭ jakalghu xi ħaġa cherha fuku.

Jecc dac il bniedem jinżirta biżżieħ, imur ikieghed il flus cutu-cutu fejn kalulu: u issir is-serka minghajr ma icun jaf ħadd, chif ghandna nifhmu li ġara iżjed minn darba u tnejn. Imma, jecc icun fuk tieghu u jilħaklu, jeŭ ikatta l'ittra u ma jaħseb xejn actar f'dic ix-xibca li riedu jonsbulu jeŭ imur ghand il Pulizija (chif imissu jaghmel cull-ħadd) u jiftiħem maħħa chif ghandu igib-ruħu biex jinkabad il ħalliel. Iżda, nerġghu nghidu, jecc il ħalliel icun jafha bi tŭila u ma icunx ŭaħdu, jista jibka bir-riħa tas-serka ghax ixomm li nasbulu nassa, imma li jinkabad hu ucoll ħaġa ŭisk tkila.

Dan is-serk bir-*Ricatt*, ghad li il Ligi ħasbet fiħ minn dejjem u ghandha ghaliħ piena ħarxa, nistgħu nghidu li, sa ftit snin ilu, ma conniex nafu biħ haŭn Malta: u fi gżira ċchejcna bħal din imissu ma isir katt. Barra, jaghmluħ il *Briganti* u il Cumpaniji ta ħallelin cbar, ghax ghandhom il ŭisgha tat-torok imŭaħħxin u tad-desert, bħalma huma il boschijet u il muntanji. Imm'issa dieħel ġmielu, ghax minn ftit xhur il-haŭn chellna xi ghaxra, li nafu bihom: u ghad li ma irnexxeŭx, ghax in-nies mheddeda inzertaŭ actar jafu x'ghandhom jaghmlu mil ħallelin, jidher ċar li din il marda misħuta dieħla il geŭŭa. Issib min ighid li ghax haŭn il ghacs: imm'aħna nâtu il ħtija l'eŭŭel nett lill kari ta cotba ħżiena, lir-rumanzi mimlijin bil ħrejjef tas-serk u il ktil, li haŭn jiġru mas-sakajn u li jinkraŭ b'reghba ċbira minn nies li isaħħnu moħħom u iħassru kalbhom bihom; u, imbaghd, b'li scola ħażina taċ-cinematografi, fejn min ghandu ix-xeħta f'demmu ghall kerk u ghall ħtija ta cull xorta jitghallem malajr u b'nefka ċchejcna dac li ma jafx jakra fil cotba. Biċ-cinematografi, il ħżiena jiħżienu actar u it-tajjbin jitħassru bil kajla il kajla, ghax il ħażen hu marda li tittieħed.

Fuk il cotba li kieghdin isiru bil Malti minn l'aghar rumanzi taljani u franċiżi, fejn l'icreħ ħtijet tal bniedem jinsabu imħaŭŭrin bi ġrajja ta imħabba li isaħħru il karrejja ghalihom, nghidu biss, b'ta kalbna f'fomm-na, li mhux isir biż-żejjed biex jinkerdu minn fostna. U fuk iċ-cinematografi inżidu li il Pulizija, barra minn dac li imiss ir-Religjon, ghandha tindocra il Poplu mit-tingis tal ħtijet coroħ, ghax kieghdin iservu ta scola lil min hu miġbud ghalihom: u ir-*Ricatt* hu ŭieħed mill'aghar fosthom.

Ŭieħed mil Cantanti li chien haŭn it-Teatru is-sena l'oħra kalilna, collu mghaġġeb, li fiċ-cinematografi ta Malta chien jara sicŭit fattijet li il Pulizija tal Italja chienet neħħiet miċ-cinematografi ta Napli u ta Milanu!

Aħna ma 'rridux il Malta l'ura minn pajjiżi oħra: anzi, nixtiekuha minn ta kuddiem nett fit-tajjeb u fis-sabiħ collu: imma dan nghidulu *il kuddiem fil ħażen!*

## L-AUTORITÀ TAL-ĠNUS COLLHA
### HI PROVA KAUUIJA LI TURINA ILLI HEMM ALLA.

Ftit xhieda huma biż-żejjed biex uieħed iħakkak l-għamil tiegħu, l-cliem tiegħu, l-femha tiegħu u dac collu li jrid juri: iżda mux ftit xhieda huma dauc li jixhdu li hemm Alla, imma huma l-ġnus collha tad-dinja. Għallavolja n-nies collha huma mbegħedin minn xulxin u ma jakblux bejniethom fit-timjil (fl-inclinazioni), imma collha jakblu fil-fehma li hemm Alla. Ma hemmx pajjis, ma hemmx belt, ma hemmx raħal li annuna jiċħad lil-cheun t-Alla, collha iżda juru li hemm Alla, billi fihom huma imuakkfin cnejjes, jintgħatau debħat (vittmi) l-Alla, hemm ucoll kassisin maħturin għal kima l-Alla. Iżied jista' icun li f-pajjis ma tfeġġx ix-xemx, inchella ma hemmx xi għada ta' religion. Plutarcu hecc jeħodha ma Colote ragel mogħti għall pjaciri mukżieża: «Jecc iddur l-artijiet, tista' issib bliet niksin mis-suar, mil-għerf, mil-ligijet, mid-djar, mil-għana, mil-flus, mil-ischejjel, mit-teatri: ħadd ma rà belt li ma għandhiex cnejjes u allat, li ma tinkedhiex bit-talb, bil-ħalf, bit-tuegiba tal-allat foloz, li ma tidbaħx (li ma tissagrificax) imħabba l-gìd, li ma tistincax, biex tbiegħed il-ħsara mil-ħuejjeġ imkaddsa.» Fl-aħħar parti tad-dinja jecc għixu xi nies, li fl-għamil tagħhom jixbħu lill bhejjem, li ma għandhomx ligijiet, iżda ma jinsabx uieħed li ma jħossx it-tnigħiż tal-cuxxienza, b-mòd tali li jecc jagħmel contra tagħha, ma jindunax li kiegħed irieghex l-Alla b-dan l-għamil ħażin tiegħu. Chif jista' icun mela li dan il-

cunsens tal-ġnus collha ma jurix biċ-ċar li hemm Alla? U jecc dan il-cunsens hu ta' culħadd ma huiex veru? Aristotole jgħid: «Dac li jidher seuua lil culħadd, ma jistax icun mux seuua.» U Cicerone hecc imur jgħid: «Jaħtieġ li icun seuua dac li għaliħ tokgħod in-natura ta' culħadd.»

In-natura hija dic li tgħarrafna illi hemm Alla: għalhecc ir-Rumani, il-Grieghi, l-Lhud, il-Germanisi, il-Miscoviti, il-Francisi, l-Inglisi, t-Toroc, l-Indjani, tant u tant nies oħra tant civili chemm ucoll salvaġġi dejjem iva emmnu f-Alla. L-Ateisti jecc iridu juakkgħu dan li għedna, għandhom juruna xi żmien li fiħ anchi nazjon uieħed li ma chienx jiemmen f-Alla. Sgur li dan ma jistgħux jagħmluh; imma biex taparsi iżommu cliemhom, bħallichiecu jridu jgħattu x-xemx bl-għarbiel, jgħidu li min jiemmen f-Alla, jiemmen għaliex tuieled f-dan it-tuemmin. Għal dan inuieġbu ħafif ħafif billi nistaksu: Chif missierijietna tant imbegħedin minn xulxin u ma jakblux ma' xulxin fil-femhat, chienu dejjem jakblu fil-femha li jgħallmu b-li stess għamla l-uliedhom li hemm Alla? Dan ma sata'x jiġri jecc in-natura ma jġġagħalniex li nemmnu f-Alla. Mela b-inchejja tagħhom għandhom jgħidu li n-natura hi dic li jġġagħal il-culħadd li jiemmen f-Alla: u dac li n-natura jġġagħalna ngħarfu, ma jista'x li ma icunx seuua. U chif jista' icun li mux in-natura, nerġgħu ngħidu, li jġġagħalna li nemmnu f-Alla? Mita infatti xi mircheb icun sejjer jiegħrak, malajr jinstama' l-leħen ta' dauc li hemm fuku, mitlufin mis-sensi tagħhom, mingħajr ma jafu x-kegħdin jagħmlu, quasi mġagħalin min-natura iħarsu lejn is-sema u jitolbu l-għajnuna t-Alla, biex jieħlishom mil-ħsara li fiha jinsabu. U anchi dauc li jiċħdu l-Alla xi drabi mingħajr ma jindunau, jicconfermau li stess ħaġa, għaliex mita jinsabu mueġġgħin minn xi mard jeu minn xi deni jeħor malajr isejħu l-isem imkaddes t-Alla, jeu mita icunu ncurlati bl-ilsien tagħhom ħażin jieħdūha m-Alla billi jidgħu dagħa li juaħħax.

Aħna għedna li n-natura stess iġġagħal lill ġnus collha biex jiemmnu f-Alla. Issa uieħed forsi igħidilna: «la darba n-natura jġġagħalhom biex jiemmnu dan, mela għaliex mux in-nies collha jiemmnu f-Alla uieħed u ma jatuhx li stess kima? Mela chif in-natura f-dil ħaġa tisbalja, għaliex ma turihomx liema kima għandhom jatu l-Alla, hecc ucoll tista' tisbalja, mita tgħidilna li hemm Alla.» Dan il-cliem hu fieraħ u mux imkiegħed fuk l-ebda ragiuni, għaliex aħna nafu tajjeb li n-natura jġġagħalna li nfittxu l-hena tagħna, imma ma tgħidilhniex f-liema ħaġa għandna nsibuha, u għalhecc min ifittixha fl-għana, min fl-ichel, min fid-drauuiet mukżieża, min fil-cburija, min fid-drauuiet tajba, min f'ħaġa, min f'oħra. Mela għax mux culħadd ifittex l-hena tiegħu f-li stess ħaġa, n-natura jeuilla tkarrak, mita tnissel f-kalbna li nfittxu l-hena? Hecc ucoll in-natura għax ma tgħidx liema kima għandhom iroddu l-Alla l-ġnus collha, ma tcunx kiegħda tisbalja, mita jġġagħal in-nies collha civili u salvaġġi, n-nies tal-Europa, tal-Africa, tal-Asja, tal-America, biex jagħrfu u jiemmnu f-Alla. Cicerone ighid: «Ma hemmx nies hecc ħarxa, hecc salvaġġa, li ma tafx li hemm Alla, għallavolja ma tafx min hu dan Alla.»

L-autorità ta' daun il-ġnus collha li jħakku li hemm Alla ma hix jeuilla prova kauuija u l'iżjed ċara! Imma ma hix prova ankas kauuija li ittina r-ragiuni, chif bl-għajnuna t-Alla narau f-articulu jeħor.

E. F.

---

Mil Lucerna tal Hajja. — 25. Li spirtu ħażin jifraħ bid-deni tal proxxmu u jaghli gl gid.

## Il Cungress ta Londra.

(4)

Ūara bosta xhur i chienu ilhom geūūa l'Inghilterra iħabircu li jippreparaū ruħhom ghall Cungress Eūcaristicu, li chellu isir fissena 1908, jasal fl'aħħarnett iż-żmien stabilit ghaliħ. Il Cungress fetaħ nhar ta erbgha, ūara nofs in-nhar: imma sa minn granet kabel il Belt ta Londra chienet tidher ferħana, imħabba fil cotra tant cbira ta persunaggi tant nobbli, li ingabru geūūa fiha mill'erba' parti tad-dinja: Cardinali, Arciskfijet, Iskfijet, Sacerdoti, Religjusi, Conti, Marchisi, Sinjuri, nies ta cull età, sess u condizzjoni, mhux biss minn fejn tinsab il bandiera ingliża, imma anchi minn artijet oħra, li, ghalchemm differenti min-nazzjon jeū mil lsien taħhom, iżda huma collha mghakkdin ħaġa ūaħda fir-Religjon Cattolica per mezz tal Fidi imkaddsa.

Il Festa ta dan il Cungress ta Londra, ghalchemm chienet destinata li chellha tibda l'erbgha, imma nistghu nghidu li bdiet ittlieta, meta ūasal il Cardinal Vanutelli, li chellu jirrappresenta il Papa f'dac il Cungress.

Il Cardinal Vanutelli accumpanjat minn tant persunaggi maghżula, jasal f'Dover, fuk il vapur *Ostend*, it-tlieta ūara nofs in-nhar. Giè milkuħ minn numru cbir ta cattolici immexxija mill'Iskof ta Southwork u mill'Iskof ta Arindela, li marru ghal tal apposta sabiex jaghmlulu lakgha chif tixraklu; u tant cbira chienet il folla li assistiet ghall li sbarc tal Cardinal, illi dana il Cardinal bl'ebda môd ma sata ighaddi. Fl'aħħar ghadda, tala fuk il vapur tal art, bierec dac il poplu u telak ghall belt ta Londra. Geūūa Londra ūasal dic in-nhar stess li telak minn Dover, ftit mumenti kabel is-sitta ta ūara nofs in-nhar. Chienet dina l'eūūel darba, *ūara 300 sena shaħ*, li daħal fil Belt ta Londra ir-Rappresentant tal Papa. Ħdejn li stazzjon tal ferrovija, fejn ūasal, ingabru qūantità ta cattolici, biex jilkghu il Cardinal.

Sabiex jilkghu il Cardinal chien hemm ucoll l'Arciskof ta Tresbizond, l'Iskof ta San Carlos, l'Iskof ta Dumedid, l'Iskof ta Perù, l'Iskof ta La-Plata, l'Iskof ta Mac-Sherry u tant Iskfijet oħra, li ma nispiċċaūx jecc irridu ūieħed ūieħed insemmuhom. Fost il cattolici li marru sabiex jilkghu il Cardinal, chien hemm id-Duca ta Nolfolk, il Conti Ramirez Arillons—Mr. u Mrs. Kenyon, l'Onor. Teresa Maxwall, l'Onor. A. Welmot, membru tal Consill Legislativ, Mr. W. S. Lilly, Segretarju tal *Unjoni Cattolica* u tant Cbarat oħra. X'ħin ūakaf il vapur tal art, l'Arci-Iskof ta Westminster, flimchien mad-Duca ta Norfolk, daħal fil camra fejn chien kieghed il Cardinal.

Il Cardinal iħares lejn dac il Poplu migbur, lîlu kieghed jistenna, u chif ra dac innumru tant cbir ta nies, u sama dac it-tfakkieħ tal idejn, tant tkankal illi mar ighidilhom bil lsien taljan daūn il chelmiet: «L'eūūel darba illi, ūara tant snin, giè mibghut f'dana il pajjiż mil Papa il Legat «tieghu. L'obbligu u l'unur, li il Papa icun «irrappresentant, hu fuki, u jena bi pjacir «cbir ninsab minn gdid geūūa Londra. «Jena nirringrazzjacom ghall lakgha sabiħa «li intom ghamiltuli f'dina il belt, dina il «belt tant sabiħa ta Londra. Jena ma non«kosx illi ma nurix lill Papa il lakgha sin«ciera li ircevejt f'dina l'art tal libertà. «Jena nixtiek illi il Cungress jirnexxi ħafna u «nittama illi jibda żmien gdid fil ħajja reli«gjusa ta dana il pajjiż.» Ūara daūn il chelmiet, il Cardinal giè meħud fil carrozza tal Arci-Iskof ghad-dar tieghu, fost dimostrazzjoni tant cbira li ghamillu dac il poplu. Qūantità ta cpiepel, numru cbir ta imcatar fl'idejn bdeū jixxejjru mal arja, bħala tislima lill Cardinal, u fost il festi li ureū l'Ingliżi bdeū jinstemghu xi vucijet: *Evviva il Cardinal, Evviva il Papa.* Ūasal, fl'aħħar, il Cardinal fid-dar tal Arci-Iskof. Haūnhecc ucoll ingabru ħafna nies u chellu lakgha sabiħa. Xħin il Cardinal niżel mil carozza u rifes il ghatba tal bieb tad-dar tal Arci-Iskof, telghet il bandiera tal Papa bajda u safra bit-tri-renju fiha; u fuk il Cnisja tal Catidral, li tinsab ħdejn id-dar tal Arci-Iskof, geū imtellghin żeūġ bandieri, il ūaħda il gacc ingliż u l'oħra tal Papa.

(*Jissocta*) Dun Anton Vella, d.d.
(*Cappillan ta ħal Luka*).

## Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti

(*jissocta man-numru 28*)

Chelmiet ta' erba' consonanti ma jissaūru katt f'oħrajn li jibdeū b'vocali: għalhecc għandna *karben, ħarbat, gebbed, għarbel, għakkad, għaffeġ*, u verbi oħra hecc ta' erba' consonanti, bl-eūūel ittra consonanti, seūūa għall passat chemm ucoll għal l-imperattiv.

Chelmiet iżda ta' tliet consonanti jistgħu jissaūru f'oħrajn bl-eūūel ittra vocali: għalhecc ghandna:—

(1) *gibed, kasam, ħabat, resak, satar, żelak, mela, beda, ħela, għamel, għader, għafas, għażak, għodos, għerek, għoġob, għela, għola, għema, għeūa*, bl-eūūel ittra consonanti għall passat, u *igbed, aksam, aħbat, ersak, istor, iżlok, imla, ibda, aħli, agħmel, agħder, agħfas, agħżak, ogħdos, egħrek, ogħġob, agħli, ogħla, agħmi, agħūi*, bl-eūūel ittra vocali għal l-imperattiv;

(2) *sabiħ, kadim, ħafif, kasir, għażiż, għaref, għali, għoli, kares*, bl-eūūel ittra consonanti għall posittiv, u *isbaħ, ekdem, eħfef, aksar, egħżeż, egħref, ogħla, ekres*, bl-eūūel ittra vocali għall comparattiv;

(3) *gisem, kamar, kabar, faħal, gemel, ħares*, bl-eūūel ittra consonanti għas-singular u *igsma, okmra, okbra, ifħla, igmla, iħirsa*, bl-eūūel ittra vocali għall plural.

Mit-tliet consonanti tal-għerk, il-fostanija biss tista' taħbat bejn żeūġ vocali, bħal filchelmiet *kabad, rakad, ħemer, kagħad, magħad, bagħad, bagħat; riegħed, ūiegħed, bierec, niegħel, siefer, ħiereġ, nieżel, kiegħed, tielagħ, ħares, ħafi, ħali, għali, għaūi; ragħad, xogħol, xahar* (mese) *xagħar* (capelli) u dan għaliex:—

(1) jecc tidħol vocali kabel l-eūūel consonanti tūakka' l-eūūel vocali li tilħak: ara *kabad, għamel* li jissaūru f'*akbad, agħmel; nakbad, tagħmel*, imkassrin minn *ákabad, ágħamel, nákabad, tágħamel*; (2) jecc tidħol vocali ūara l-aħħar consonanti, tūakka' ūcoll l-eūūel vocali li tilħak: ara *kabad, għamel*, li jissaūru f'*kabdu, għamlu, kabdet, għamlec*, imkassrin minn *kábadu, għámelu, kábadet, għámelec*; ara *kabar, xagħar*, li jissaūru f'*kabri, kabrec, kabru, xagħri, xagħrec, xagħru*, imkassrin minn *kábari, kábarec, kábaru, xágħari, xágħarec, xágħaru*. Biss l-eūūel consonanti tal-għerk taħbat bejn żeūġ vocali, jecc il-fostanija tinzerta (1) ūaħda minn l-erbgħa *l, n, r, għ* (2) *m* bla ebda minn l-erbgħa milli semmejna ma genbha, u fl-istess ħin mal-chelma tiżdied vocali kabel u oħra ūara, bħal minn *kaleb, ħarak, ħanak, kagħad, bagħad, magħad, bagħat, għaraf, għerek*, għandna *akalbu, aħarku, aħanku, okogħdu, obogħdu, omogħdu, ibagħtu, agħarfu, egħerku, nakalbec, taħarkec, nokogħdu, jobogħduhom, nibagħtec, jagħarfu*.

Hecc jigi għandna singular *okgħod, omgħod, ibgħat, obgħod*, u plural *okogħdu, omogħdu, ibagħtu, obogħdu*, ta' l-eūūel bil-vocali ūara l-consonanti *għ*, u tat-tieni bil-vocali kabel il-*għ*.

(*Jissocta*) G. Vassallo.

# Chitbulna:—

I.

«20 ta Settembru, 1912.

«*Habib* ghażiż,

«Chelli premura cbira li tasal il ġurnata ta lbieraħ u din il ġimgha xtakt ŭisk li narac persunalment, ghax cont imbażża li inti sejjer tidħol f'nassa. Prosit, mit elf Prosit! Chif rajt il *Habib* ta lbieraħ, ħadt ir-ruħ, ghax bkajt sodisfatt ŭisk mil condotta seria u dinjutusa tieghec bħala Ġurnalista. Prosit, mit elf Prosit! Naf li ma ghandecx necessità tal pariri tieghi: imma l'approvazioni ta ŭieħed li ra ŭisk fid-dinja u xorob f'ħajjtu bosta imrar mil ġurnalismu ghandha tatic piacir. Issocta dejjem b'din il maniera esemplari—tirrispondi katt ghall'osservazionijet tal fanatici. Min jista ighid li inti dħalt taħt il pis tad-Direzioni tal *Habib* ghall'interess? O sia li kieghed taħdem fiħ biex tghix minnu? Mhux il Cumitat tal *Unjoni Cattolica* biss, imma il Belt collha taf li inti kieghed tissacrifica il professioni u ir-ricreazioni tieghec ghaliħ u dan taghmlu unicament ghaddifisa tar-Religion u tal Patria, f'chelma ŭaħda ghall gid u l'istruzioni tal Poplu. Icumpatihom, mela, iccumpatihom ta cattolicu u ta gentlom daŭc li jibbuttjaŭ, ghad li mhux direttament, bl'interess u bil partiti. Iccumpatixxi l'injuranza u il fanatismu. Min, fost il persuni educati u ta minghajr passioni, jista isostni li il *Habib*, fit-32 numru li dehru s'issa, żamm ma xi partit?.. Il partit tieghec, bħala Direttur tal *Habib*, chien dejjem ŭieħed; ir-Religion, il Patria, il Poplu, l'istruzionijet ta cull xorta, bl'ajjut ta Collaboraturi ghorrief u serji li gharaft tassocia mieghec u li jaghmlu onur lil cull ġurnal, mhux biss bil Malti, imma b'cull lingŭa oħra u ta cull pajis.

«Per esempiu, l'idea tal Esibizioni profana fil ġranet tal Cungress Eŭcaristicu giet iccundannata mir-Reverendissimu Capitolu, mil Cleru collu, bħala Corp, u mill'akŭa persunaggi ta Malta, fosthom l'Imħallef Pulicin u il President tal Borsa, li kâmu jitchellmu contra taħħa fil Cumitat General tal Cungress, mentri inti ma contx presenti: imma l'invenzioni maligna u il ghidba nassiesa (forsi aħjar insejħilhom eresìa tal ignuranza) li f'daŭc il ġranet tal Cungress ma ghandux isir cummerċ u ghandhom jinghalku il ħŭienet ma kâlha ħadd: u inti, *Habib* ghażiż li tħobb il Malta bil provi, mhux talli ma ghedthiex, imma bl'esperienza tieghec inkas ma stajt toħlomha. Ma jisserveŭx xi żeŭġ *fabrichi* bil Cungress biex jaghmlu *Esibizioni tal merci taħħom*, môd; u ma isirx cummerċ fil ħŭienet tal Belt u ta Malta collha, môd ieħor. Anzi, bħalma digià spiegait tant drabi fil *Habib* u issa annunziait fuk Vienna, daŭc icunu il ġranet tal icbar cummerċ ghall Malta: imma il cummerċ ma isirx bl'*Esibizioni profana ta xi żeŭġ Ditti* li jixtieku il gid ta cull-ħadd ghalihom biss. U Vienna il cummerċ ma sarx bl'*Esibizioni*, imma bl'eluf ta passiggieri li fâru in-neguzi u li stabilimenti ta cull xorta bihom.

«Compli, mela, *Habib* ghażiż, b'li stess maniera: aħdem ghar-Religion, ghall Patria u ghall Poplu. U daŭc li jixtieku l'onur li jidħlu fil polemica mieghec, iccastigahom billi ma tindenjax ruħec issemmihom b'isimhom.

«R. F.»

Din l'ittra, ghall'eŭŭel, conna ghamilna il ħsieb li ma 'ngibuhiex haŭn: u chiecu ma chienetx mictuba *bil Malti* minn persunaġġ li sata jictibha mhux biss bit-Taljan, iżda imkar bl'Ingliż jeŭ bil Latin, conna nghadduha b'*ittra privata*, bħalma jiġuna bosta oħrajn biex jaghmlu il kalb lill *Habib*. Rajniha bi tkila li noħorġuha ghax fiha priedca sħiħa fukna: imma, 'mbaghd, kaghdna naħsbu chemm haŭn boloħ li jibilghu cull-ma jinghad lîlhom seŭŭa bil kerk u seŭŭa bl'*injuranza*! U dehrilna li ghandna insemmghuhom din il kanpiena l'oħra. Niżżu, mela, ħajr lill ghażiż *R.F.*, li ghaliħ ghandna kima cbira, bħalma sgur ighid li ghandu cull-ħadd chiecu nistghu insemmuħ b'ismu: u nâtu il chelma lîlu u lill karejja tal *Habib* collha li aħna bi ħsiebna nibkghu naghmlu dmirna mill'aħjar li nâfu, minghajr ma nieħdu ghall'inbix ta min ma ghandux x'jaghmel jeŭ ma jafx x'ghandu jaghmel. Li chien il cliem ġaŭhar, chiecu is-schiet aħjar minnu.

ID-DIREZZJONI.

II.

BIEX NIFTIEGHMU

Keghdin ixerdu, ma cullimchien, fl'idein, u iuaħħlu mal cantunieri tat-triekat ħafna avvisi, fein iħabbru, li sejrin joħorgiu, f'faxxicoli, il cotba tal *Uard bla Xeuc*: Ghalech, billi cullħatt ħaseb, li sejer noħrogiom ien lil daun il cotba, irrid ingharraf, li iena fighom ma ien imdaħħal xein, u li ankas ħatt ma biss talabni is-sensia biex joħrogiom. Ghaldakstant imfaccar lil min imissu icun jaf, li il pubblicazioni tal *Uard bla Xeuc* ia riservata lili, ghax proprietà tighi, li, ghalchem gejt mitlub bosta drabi katt lil ħatt ma cedeita, pħal ma ankas fi ħsiebi incediegha din iddarba.

Ħall Balzan, 20 ta Settembru 1912.

Cappillan A. SISNER.

III.

VARA ĠDIDA F'ĦATTARD.

Il Ħadt li gej fid-29 ta dan uara nofs-inħar seira issir festa uisk simpatica fil Parroċċa ta Ħ'Attard, fein Statua ġdida tal Madonna tar-Rusariu tigi meħuda bil purcissioni min Chnisia zgheira ta li stess raħal ghal Chnisia tal Parroċċa u hemm imbghad dach il famus Orgni isamma il ħeluin armonii tighou bil cant soavi tat-tfal, u l'Organista Gio. Batta Gatt jati prova tal composizioni musicali minnu maghmula apposta ghal edina ic-circostanza. Edina li Statua giet maghmula mil capaci statuariu u bravu modellarur Giuseppi Cilia tal Ħamrun scular tal mejjet Artista is-Sur Darmanin, opera li verament taghmel onur lil dana Cilia ghax irnixxia uisk fix-xghol taħħa, u ghalech jimmeritaħ li icun incoraggit mil paesani tighou, billi jiccommissionaulu xghol pħal dan; li Statua tirrappresenta il Madonna bil Bambin f'ida, seuua uiċċia, seu tal Bambin huma uiċċ is-Sema, jisirku il klub bil ħarsa taħħom u il bixla taħħom iggiblech kima u venerazioni; l'esattezza imbghad tax-xghol, il culuri, il maestria, l'atteggiamenti tal persuni jatu biz-zejed prova tal capacità tas-Sur Cilia, pħalma iddichiarau bosta u bosta intelligenti li esaminau edina li Statua.

N.B.—Edina l'Istatua tipka esposta ghal tmin tiem sħaħ fil Chnisia Parrocchiali ta Ħ'Attaad ghal comodità ta edauch colla li iridu imorru jaghmlu fia xi osservazioniet u jiġġiudicau ix-xghol taħħa.

P.B.A.P.

# Ma dûar il Għira.

Niftehmu darba ghal dejjem: daŭc il ħafna ittri li geŭna din il ġimgha fuk il pichi tal baned, tnejn ta leŭn u tlieta ta leŭn ieħor, ma ighoddux ghalina. Anzi, ghandna ghokla cbira f'kalbna li reġghu saħnu ghal-collox il partiti: u nixtieku li xi persuna ghôlja, nghidu aħna xi Sacerdot li jaf seŭŭa dmiru jeŭ xi Patrijott migjub miż-żeŭġ bnadi, jidħol bejniethom. Il ghorrief ighidu li id-deni, mita jitla ŭisk, icun ŭasal biex jitlak: u, forsi, issa il ŭakt li ŭieħed tad-dehen u bla passjoni jista jirnexxilu ifisser chemm ħsara kieghda issir lill Malta b'dan il ghelt cbir bejnietna, haŭn, il Belt, fejn imissna incunu mera lill baned tal bliet u tar-rħula l'oħra taż-żeŭġ għejjer. Dan il mument, bil Cungress Eŭcaristicu riesak bis-sieghat fukna—bil qŭistjonijet ħorox tat-Taxxi u tal Lingŭa ŭara biebna—bil ħsieb kalil ta chif nirsolvu it-tabxa tal Emigrazzjoni—biex ma 'nsemmux ucoll l'Elezzjoni tal Cunsilieri tal Poplu, ghax fiha, ghal-chemm ta rekka cbira ghalina, tidħol il *Politica*, li il *Habib* iżommruħu bghid minnha—dan il mument, chellna bżonn incunu ilcoll maghkudin flimchien, jecc ma 'rridux li, fil Cungress Eŭcaristicu, indaħħcu il barranin bîna; u, fil qŭistjonijet l'oħra li semmejna, nâtu il ŭisgha lill ghedeŭŭa taghna. Nindocraŭ tajjeb li m'humiex ixeŭŭxuna ghal xulxin daŭc li jakblilhom jiġbdu in-nar lejn ix-xaŭŭata taħħom, ghax mil bkija ma jimpurtahom xejn mil gid u mid-deni taghna!—U biż-żejjed hecc, biex niftehmu bejnietna. Mela, mhux biss li aħna ma 'ngibux fil *Habib* ittri bħal daŭc li ŭaslulna din il ġimgha, u la issa u la katt—issa, tarġa, ŭisk actar—imma, sachemm ma tibredx din is-saħna tal partiti, inkas insemmu fil gid iż-żeŭġ baned tal Belt: u, imħabba fihom, nisctu ucoll fuk il festi li icollhom sehem minnhom huma. Aħna nafu li huma żeŭġ baned cbar, żeŭġ baned li jaghmlu onur lill Malta u li jistghu jokoghdu f'cull belt tal Eŭropa, seŭŭa fihom infushom, bħala baned, u seŭŭa chif inhuma miżmumin, bil Cażini u bil Cumitati taħħom: dan ghednieħ actar minn darba lill ŭaħda u lill'oħra, bil fomm u bil mictub: imma, dan il mument, min tas-seŭ iħobb il Malta u lîlhom ma ghandux isaħħan il kiegħa.

—Nhar il ġimgha li ghaddiet, fis-7 ta filghaxija, saret, bħalma ħabbarna, il partita biljard fil Cażin tal *Unjoni Cattolica*, bejn is-Sur Giuseppi Sciberras u is-Sur Toninu Attard: u, ghad li marru ghaliha ħafna nies, collox mixa bil qŭiet u bil ghakal. Rebaħ is-Sur Toninu Attard: u il President tal *Unjoni Cattolica* taħ il Medalja, fil ŭakt li sârlu applaŭs cbir. Nifirħulu.

—Niżżu-ħajr lill Cummendatur Alfonsu Galea, Direttur tal *Moghdija taż-Żmien*, li ghoġbu jibghatilna in-Numru 120 ta dic il gemgha ta cotba ghe̊żież u meħtieġa. Il ġrajja il cbar tal gŭerra tas-sena 1565 jinsabu miġburin b'ħeġġa tal-ghageb f'dan il ctieb żghir, imsejjaħ, bla duħħan fil ghajnejn, *Fuk is-sŭar tal Isla*: u l'imħabba tas-Sur Fons ghal din il Għira u ghall Poplu taħħa, min jaf iħossha, tinsama tħabbat mill'eŭŭel sal aħħar chelma ta dan il ctieb ċchejchen, li nixtieku naraŭ f'idejn il Maltin collha.

—Daŭc li ma isibux fil *Habib* ta 'llum l'articuli u il poeżiji li baghtulna, ma ghandhomx jaħsbu li aħna insejnihom jeŭ ma bi ħsiebniex nakduhom. Daŭn il ġranet, ninsabu mghobbijin ŭisk; u min jistenna, jithenna.

—Niżżu-ħajr lis-Sur *E. P.*—Malti, li ilu bosta snin ighix l'Inghilterra u dan il mument jinsab Port-Sajd ghax-xoghol tieghu—talli ghoġbu jatina ħafna aħbarijet sbieħ u jirregalâlna *Santa* u *Cartolina* fuk il *costumi tal Wales*. M'hux tas-seŭ li bghid mil ghajnejn, bghid mil kalb, chif ighid il Proverbju: anzi, milli naraŭ, actar ma 'ncunu mifrudin mil Pajjiż, actar ticber fîna l'imħabba tieghu. Dac li chitbilna fuk il leŭnijet tal pjaneti, ghad icollna bżonn ninkdeŭ biħ; u ittifħir li faħħar il Canonicu Dun Flipp Ca-

milleri, Curat ta *San-Paŭl* tal Belt, niffirmaŭħ b'idejna it-tnejn.

—Nhar il ħadd li gejj, fil 10 u nofs ta filghod, fil Cażin tal *Unjoni Cattolica* issir il lakgha ta cull xahar bejn l'Imsieħbin. U fis-7 u nofs ta fil-ghaxija icun hemm it-Teatrin.

—Niżżu-ħajr, b'kalbna collha, lis-Sur Spettur Frangiscu Saverju Schiadà tal ctieb li ghoġbu jibghatilna, imsejjaħ *Indice delle Leggi Criminali* (Ŭerrej tal Ligijet tal Crimnal)—ctieb ta fejda cbira u miġbud bil ghakal collu ta bniedem li hu ta-geŭŭa mal Ligijet taghna. Il Magistrati, l'Avucati u is-Superjuri tal Pulizija, chif ucoll l'Avucat tal Curuna u l'impiegati collha tas-Segretarju Principal tal Gvern, isibu mistrieħ cbir b'dan il ctieb ġdid u tajjeb, li biħ is-Sur Spettur Schiadà, ghad li diġà miżmum ma cull-min jifhem b'ŭieħed mill'aħjar nies tal Pulizija, raġa ŭira l'abbiltà u il pratca tieghu.

—Jiddispjacina ħafna li il *Programma ta li Stellarju tal Concezzjoni* (il-Belt) ŭaslilna tard ghal din il gimgha: ingibuħ il gimgha id-dieħla.

—Daŭc collha li jixtieku isibu fejn jaħdmu—nghidu aħna Cochi, Cuccieri, Camrieri, Sefturi u hecc—jistghu imorru iħallu isimhom u fejn jokoghdu fl'Uffizzju tal *Malta Herald* (haŭn il Belt, strada *Sant'Orsola*, numru 213, fejn jigi stampat il *Habib*), biex joħorġu l'*Avviżi* taħħom fil *Herald*, chif jaghmlu il gażetti ta Londra; u mita icun hemm min iridhom mieghu, jiġu mghajjtin f'dac l'Uffizzju. Dan collu minghajr ebda ħlas: imma biss bħala ghajnuna li id-Direttur tal *Herald* jixtiek jatihom biex isibu l'impieg.

### Talba ghall Congress Eŭcaristicu.

Monsinjur Portelli, President tal Comitat Esecutiv ghall Congress Eŭcaristicu, jitlob, b'kima lejn Gesù fis-Smu. Sagrament tal Eŭcaristija, lil min jista u irid bil kalb, x'ħin ma icollux x'jaghmel, jaħdem sa m'illum, ŭard tal carti ghal chemm ordinarji, ta cull daks, culur u sura, biex iservu ghaż-żina tat-trekat, mnejn icollha tghaddi il cbira u ŭisk solenni Processjoni fit-tmiem tal Congress.

Nitolbu li dan il ŭard icun lest u iccunsinjat lill'istess Monsinjur Portelli, sal aħħar ta Frar li gejj. Min, imbaghd, irid icun tant tajjeb li ighidlu minn kabel chemm bi ħsiebu jaghmel, jaghmillu ictar pjacir, ghaliex hecc il President tal Comitat ghaż-żina icun jista icollu fuk hiex iserraħ moħħu; u ilesti minn kabel it-tiżjin.

Daŭc ucoll li irabbu il ŭard naturali huma mitluba li iħabircu biex, ghall'aħħar ta April, icollhom ħafna ŭard ta cull xorta, u ħxejjex ifuħu, x'joffru lill Gesù Sagramentat, ħafna, ħafna; ghaliex icun jinħtieġ iż-żejjed.

Cull-ħadd jaf illi, biex tirnexxi din il biċċa tal Congress Eŭcaristicu, li hi ħaġa cbira ŭisk, inpoġġu fuk il klub tajjba, li jixtieku tabilħakk it-trijonf ta Gesù Sagramentat u l'unur ta Pajjiżna.

## MALTA.

SUNETT.

Iżjed ma nokghod naħseb fic, o Gżira,
iżjed sabiħa narac jen f'ghajnejja.
Ħdejn artijet oħra int bil bosta żghira:
Mela, sbuħitec mnejn? Mnejn katt hi gejja?...

Fiċ-ċocon tieghec, oħ, chemm inti cbira!
M'intix ma 'l cbar, ta cbira ucoll ghaddejja?
Mhux ghal-xejn li f'xi gżus iġgib ŭisk ghira:
u biex jarac, min katt ma râc jithejja.

Jecc il barrani hu lejc miġbûd b'imħabba,
chemm lilec ghandi, mela, 'nħobb u insellem
jen, u min bħali tŭieled fîc u trabba?!

U bħalec il lsien tieghec cbir u sbejjaħ:
min fost uliedec ħażin minnu tchellem,
jena ma nafx chif lilu nibda 'nsejjaħ!

V. Cordina.

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Il Princep ta Galles kal li ħa ŭisk pjacir mita ra li jista jitchellem tajjeb bil franciż, u li hua ŭisk miġbud lejn il francizi, li il bastimenti tal gŭerra taħħom ghoġbuħ bil bosta, u li bakghetlu f'kalbu chif irceveŭħ il baħrin.

Fis-17 bdeŭ il manuvri; 60 elf ruħ chienu taħt l'armi. Ir-Re chien hemm ma li Stat Maġġjur; giè li dâm 10 sieghat fuk iż-żiemel. Minn Areoplan geŭ mitfugha mal lejl collu bombi, ghalhecc chienu jafu it-truppi x'chienu kieghdin jaghmlu.

Fuk il frejgata *King Edward* xpacca canun mil cbar: ragel baka mejjet u ħafna feriti.

Il ligi tal eletturi sejjra tcun imseŭŭija. In-numru tal eletturi li issa hu ta sitt miljuni, sejjrin icabbruħ sa ghaxar miljuni.

Il missjoni li chienet fil manuvri francizi giet decorata: lill General Wilson taŭħ is-Salib ta Cmandatur tal Legjun tal Onur, u il Curunell Macdonough u il Maġġjur Farquhar ħâdu is-Salib ta Fiżżjali tal istess Ordni.

Il vapur tal art minn Chester ghall Liverpûl, mita chien f'niżla, kabeż mil ħadid u ħabad ma pont: 9 carozzi bakghu sejjrin fuk xulxin, 7 inkalbu u 2 ħadu in-nar. Inkerdu 15 ir-ruħ u hemm 48 feriti.

Il frejgati sejjrin icollhom canun ta erba' pulzieri, biex icunu jistghu jisparaŭ fuk areoplani gholjin 9000 jarda jeŭ erba' mili.

Ir-Re baghat il Princep Arturu ta Connaught il Ġappun ghall funeral tal General Nogi, u ordnalu li jati a nom tieghu lill Mikado id-decurazzjoni tal Ġarrettiera. Din iċ-cerimonja saret b'pompa ŭisk cbira fil palazz tal imperatur il ġdid.

*Italja*—M'hux veru li ŭakaf il ftiehim tal paci mat-Toroc, anzi is-Sur Bertolini giè biex jitħaddet mal Prim Ministru, u jarġa imur f'postu li Svizzera fi ftit ġranet oħra.

Il Gvern m'hu xejn cuntent biż-żieda tal flotta franciża fil Mediterran, ghalhecc l'Italja talbet li biex iġgedded it-triplici alleanza (bejn ii Germanja, l'Aŭstrja u bejnha) il potenzi l'oħra sħabha jassicuraŭlha l'interessi taħħa fil Mediterran. Il Germanja trid.

*Franza*—Haŭn ucoll l'areoplani chienu ta ghajnuua cbira lit-truppi fil manuvri, ghax gharrfuhom bil mossi collha tal inimic. Ŭara ħafna sperimenti li irnexxeŭ, il Ministru Delcassè iddecida li is-suttamarini ghandhom icunu ipprovduti bit-telegrafu minghajr fili.

Fit-13 ta Frar li gejj, il President Fallières jaghlak seba' snin li ilu Cap tar-Republica, ghalhecc ħaseb biex jicri u ħa appartament fit-triek François Nru. 19, ta 350 lira ingliża chira fis-sena. Dan il President ŭisk tajjeb, ghandu mit sena li ifarfar il piż li ghandu fuk spallejħ.

Il Gvern ghemghem mal Gvern Spanjol li il Conslijet ta Spanja li ghandhom f'idejhom dic il posizjoni fil Marocc, ghadhom ma xandrux lill Mulej Yussuf bħala sultan, u gà ghadda fuk xahar u nofs.

Mulej Hafid, is-sultan ta kabel, chien Parigi: xtara biżibilju ta ħŭejjeġ: fost l'oħrajn mit par żarbun, bakar u clieb. Ħallas 480 lira bħala chira ta aŭtomobbli li uża biex idur: ma ghoġbuhx il cpiepel cbar tan-nisa.

*Russja*—Ir-rvell tan-niestal flotta tal Baħar l'Isŭed ma chienx taċ-ċajt, ghaliex chellhom jittieħdu miżuri ŭisk kaŭŭija mil Ministru u il Cżar iddispjaċiħ minn dan il ghamil tan-nies.

*Balcani*—Il Bej ta Valona u dac ta Bêrat, ma tliet rappresentanti tal Albanizi, ŭaslu Durazzo, fejn bedghu iżommu Cumitati sigrieti. Jistenneŭ li il Popli ta hemm ikumu ma idumx.

F'Salonicc, il vapur ingliż *Barnesmore*, meta chien ħiereġ il Canal, bla bdot, lakat mina li ħadet in-nar, u chellu avarija, ghalhecc chellu jarġa jidħol irmuncat. W.

## Il vapur tal art.

Alla l'imbierec kasam id-dinja tieghu bejn il fkir u is-sinjur, u min jigi lilu moghti xi talent, dan ghandu iħaddmu u jisviluppaħ.

Imma, tghiduli intom, jecc ŭieħed ma ghandux scola ta xejn u ankas ghandu biex jitghallem, chif jista jistudja u jigi il-kuddiem il gherf tieghu?

Li Storja li sejjra nghidilcom ta ŭieħed li minn xejn sar l'acbar ragel tal Inghilterra turicom li min irid collox jista jaghmel, basta icollu ftit *buona volontà*, jigifieri icun irid imur il-kuddiem.

Mela, ghandcom tcunu tafu illi, fis-seclu li ghadda, f'Weymoth, belt żghira tal Inghilterra, chien jinsab certu ŭieħed jismu Robertu Stephenson, ħaddiem fil mini tal faħam! Is-salarju li chellu chien chemmchemm ilaħħak biex imantni il familja ta tmienja min-nies. Fost is-subien li chellu, it-tieni ŭieħed chien tifel qŭiet, bieżel u abbli ŭisk, u chellu talent cbir ghall'inginier. Dana chien jismu Giorġ Stephenson; cull filghodu cont taraħ bil koffa f'idu imur jakdi ll'ommu, imbghad imur jokghodilha bittfal iż-żghar sa-chemm hi chienet taghmel il facendi tad-dar. Mita ma chienx icollha bżonnu iżjed, chien imur ħdejn missieru u biex jakla xi sold chien iseŭŭi iż-żraben tal ħaddiema. Billi chien meccanicu, tghallem iseŭŭi xi mâgni u inventa ucoll lampa ghal geŭŭa il mini. Din l'invenzjoni chienet sabiħa u tajjba ŭisk; ghalhecc il cap tal post, mita ra it-talent u il bżulija tieghu, impiegaħ mieghu. Allura, Giorġ actar ghamel curaġġ u bida jaghmel f'rasu ħafna prugetti ghal invenzjonijet oħra, imma, b'dispjacir tieghu, sab li, billi ma chien jaf la jakra u inkas jicteb, ma chienx jista malajr imur il-kuddiem. Imma xejn taħsbu li hu kata kalbu, ghalavolja chellu mat-tletin sena u actarx iżjed, bida imur li scola ta bil-lejl, jitghallem bħal tifel ċchejchen u biex iħallas is-Surmastru, bida fil ħinijet li ma chellux x'jaghmel iseŭŭi l'arloggi u jaghmilha ucoll ta ħajjat. B'dana ix-xoghol u it-taħbit collu, bil *volontà ferma* u bli studji hu chien capaci jaghmel ŭaħda mill'invenzjonijet l'actar cbar tas-seclu li ghadda u din chienet tal *Vapur tal art* u tat-triek tal ħadid *(ferrovija)* li minn fukha ighaddi *il vapur*.

Minn dana collu naraŭ chemm hu veru li il bniedem li ghandu forza ta carattru, pacenzja u perseveranza, jasal fejn irid; u chemm ighid seŭŭa dac il proverbju ingliż li *fejn hemm volontà, hemm triek*. A. S.

Nitolbucom ma tinseŭx, fit-talb taghcom, l'erŭieħ ghezież tas-**Sinjurina Concetta Fenech-Calleja** u tas-**Sur Anacletu Vella**, li mietu, daŭn il ġranet, haŭn il Belt, fl'aħjar ta żghożithom. Alla jatihom il mistrieħ ta dejjem.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### XARADA MRICCBA.

1.

Annimal li, malli takbdu,
teħles minnu malajr trid.

2.

Mita 'l bhejjem jeclu lîlu,
ma ighemghemx minnhom is-sid.

3.

Jaf ighanni ŭ fis-sigar
jaf ucoll jaghmel il gid. Ginu.

L'aħħar *Accrexxittiv u Diminŭittiv foloz* chienu:

Mazza—Mazzun—Mazzola.

Giebuhom tajjeb: mil Belt, is-Sinjurini T. Mizzi u G. Farrugia u is-Sinjuri Giuseppi Attard, Piju-Marija Gaŭci u Giuseppi Sciberras—mil Calcara, is-Sur E. Cachia—u minn Ghaŭdex (ir-*Rabat*), C.A.

Ŭaslulna żeŭġ tifsiriet oħra tajjbin, iżda ŭara li chien ghalak iż-żmien.